Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2384

22.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2384

ta'21 ta' Ottubru 2026

li jemenda għat-363 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), il-punt (a), u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fil-15 ta' Ottubru 2026, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda, skont ir-Riżoluzzjonijiet 1267(1999), 1989(2011) u 2253(2015), li jemenda d-data ta' identifikazzjoni fil-każ ta' ċerti entrati fil-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplikaw il-miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Ottubru 2026

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President

Id-Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja,
is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/881/oj.

ANNESS

(a) Id-data tal-identifikazzjoni tal-entrata li ġejja taħt l-intestatura "Persuni naturali" fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hija emendata kif ġej:

"Mounir El Motassadeq (magħruf ukoll bħala Mounir el Moutassadeq). Indirizz: il-Ġermanja. Data tat-twelid: 3.4.1974. Post tat-twelid: Marrakesh, il-Marokk. Ċittadinanza: Marokkina. Nru tal-passaport: H 236483 (passaport Marokkin). Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali: E-491591 (karta tal-identità nazzjonali Marokkina). Aktar informazzjoni: (a) fil-ħabs fil-Ġermanja, (b) Isem il-missier huwa Brahim Brik. Isem l-omm huwa Habiba Abbes. Data tad-dażinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 30.9.2002."

hija sostitwita b'dan li ġej:

"Mounir El Motassadeq (kitba oriġinali: منير المتصدق) (psewdonimu ta' kwalità tajba: Mounir el Moutassadeq). Data tat-twelid: 3.4.1974. Post tat-twelid: Marrakesh, il-Marokk. Ċittadinanza: Marokkina. Nru tal-passaport: H 236483 (passaport Marokkin). Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali: E-491591 (karta tal-identità nazzjonali Marokkina). Indirizz: Marrakesh, il-Marokk. Aktar informazzjoni: (a) Arrestat fit-28.11.2001 u nstab ħati fil-Ġermanja li kien aċċessorju ta' qtil u ta' sħubija f'organizzazzjoni terroristika u kkundannat għal 15-il sena ħabs fit-8.1.2007; (b) Iddeportat mill-Ġermanja lejn il-Marokk f'Ottubru 2018; (c) Isem il-missier huwa Brahim Brik. Isem l-omm huwa Habiba Abbes. Data tad-dażinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 30.9.2002."

(b) Id-data tal-identifikazzjoni tal-entrati li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hija emendata kif ġej:

"Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) (magħruf ukoll bħala (a) Tehrik-I-Taliban Pakistan, (b) Tehrik-e-Taliban, (c) Pakistani Taliban, (d) Tehreek-e-Taliban). Aktar informazzjoni: (a) Tehrik-e Taliban huwa bbażat fiż-żoni tribali tul il-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; (b) Iffurmat fl-2007, il-mexxej tiegħu huwa Maulana Fazlullah. Data tad-dażinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.7.2011."

hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) (kitba oriġinali: تحریک طالبان پاکستان) (psewdonimu: (a) Tehrik-I-Taliban Pakistan, (b) Tehrik-e-Taliban, (c) Pakistani Taliban, (d) Tehreek-e-Taliban). Aktar informazzjoni: (a) Tehrik-e Taliban huwa bbażat fiż-żoni tribali tul il-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; (b) Iffurmat fl-2007, il-mexxej tiegħu huwa Noor Wali Mehsud. Data tad-dażinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 29.7.2011."